Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 08/13 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 |
| **Data** | 04/07/2013 fis-6.10pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Skużata minħabba safar. |
| | Claude Camilleri | Preżenti fis-6.20pm |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti fis-6.30pm |
| | Joseph Hales | Assenti bi protesta |

**Preżenti wkoll**

Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Joanne Muscat

**08. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondata: Abela | **Il-minuti 07/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| 08. 1. 1 i | | 07.3.3 minflok GħenbaFest isir GħenbaFest folk<br>07.7.22 Wara Triq id-Dahla ta' San Tumas tiżdied kantuniera ma' Triq Xeħt il-Forom u jitneħħew il-kliem 'fl-istess parti ta' triq'<br>07.7.26 Il-kliem 'k/m Triq Santu Wistin' jiġu imneħħija | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**08. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 8 2 1 | 07.2.5 | Viċi Sindku - Proġett e-anzjan | Il-Viċi Sindku infurmat lill- Kunsill li l-'launching' tal-proġett e-anzjan sar fil-15 ta' Ġunju u l-partecipanti kienu sodisfatti kollha. Fit-2 ta' Lulju inbeda jsir ukoll l-ewwel taħriġ. | Viċi Sindku |
| 08. 2. 2 | 07.2.6 | Sindku: Xogħlijiet f'Misraħ Strejnu | Is-Sindku spjega kif l-Enemalta waslitlihom l-ordni sabiex jitpoġġa l-cable fi Triq Strejnu għas-spejjeż tagħhom. Ix-xogħol ta' trenching u resurfacing ser isir min-naħa tal-Kunsill. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 3 | 07.2.11 | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-aerobics | Fenech infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata mis-Sezzjoni ta' l-Aerobics tal-Health Promotion Dept peress li l-instructors ilmentaw li fil-ġnien qed ikun hemm prezenza ta' nies u li qed joħloq inkonvenjent għal parteċipanti. Fenech ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li s-Sala tal-Ġnien hemm bżonn li titnaddaf aktar bir-reqqa . Qalet ukoll li l-bozza tal-entratura tas-sala hija maqtugħa u li l-bieb tax-'shutter' huwa iebes ħafna. Is-Sindku ser jinkariga lil ħaddiema tal-Kunsill biex isiru t-tiswijiet neċessarji. | Sindku |
| 08. 2. 4 | 07.3.3 | Fenech: Attivita Dar Nazzaret | Fenech infurmat lil Kunsill li ser isir *'Car Wash'* f'Misraħ is-Suq b'risq il-Fondazzjoni Nazzaret fit-18 ta' Lulju fis-6.00pm għal prezz ta' €3. Għal din l-attivita' hemm bżonn id-dawl u li latrina tkun miftuħa. Hija qalet ukoll li ser jitellaw Zumba sessions. Fuq l-istess argument il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li nhar is-Sibt 20 ta' Lulju ser issir 'treasure hunt' għal prezz ta' €3, li serr issir fiċ-Ċentru taż-Żejtun. Huwa qal ukoll li fuq ONE beda jixandar reklamm rigward din l-attivita'. | Fenech |
| 08. 2. 5 | 07.3.5 | Sindku: żvilupp f'Ħajt il-Wied | Is-Sindku issuġerixxa li nitolbu lil Wirt iż żejtun jekk għandhomx xi alternativa oħra x'jipproponu lil Mepa rigward ir-Ring Road. Huwa spjega kif il-proposta għal Ring Road fi Triq Ħajt il-Wied kienet proposta tal-Kunsill approvata mill-MEPA fil-Pjan Lokali b]ala northern relief road. Rigward dan ser isir laqgħa fil-25 ta' Lulju fid 09:00 am. Abela u Caruana ipproponew li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti dwar dan il-proġett kif ukoll talbu rapport dettaljat fuq l-istudji li saru dwar l-*Impact Assesment* fuq din iż-żona. Is-Sindku irrimarka li dan isir meta ssir l-applikazzjoni minn Trasport Malta. | Sindku / Segretarjat |
| 08. 2. 6 | 07.7.10 | Viċi Sindku - Reserved Parking | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li marret sabiex taghmel spezzjoni fuq ir-Reserved Parking ta' quddiem id-dar 'Mater Dei' fi Triq il-Madonna tal-Ħniena izda irrizulta li dar b'dak l-isem f'din it-Triq m'hemmx. | Vici-Sindku |
| 08. 2. 7 | 07.07.27 | Chircop: Triq Xeħt il-Forom | Sindku ippropona u Chircop issekonda li fi Triq Xeħt il-Forom k/m Triq Widnet il-Baħar titwaħħal tabella li tindika *Cul de Sac.* | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 8 | 07.7.28 | Chircop: Laqgħa Mcast | Chircop irringrazzja lil Kunsill tax-xogħol li sar fil-ħin fuq is-Sala tal-Kunsill sabiex il-laqgha tal-Mcast setgħet isir kif kien ippjanat. Huwa spjega kif l-attendenza ma kienetx waħda qawwija peress li min-naħa tal-Mcast saret ħafna promozzjoni minn qabel u l-istudenti diġa kellhom l-informazzjoni meħtieġa. | |

**08. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 1 | 01 | MEPA - PA01682/13 | Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil MEPA sabiex jinzamm il-karattru tal-bini . | Segretarjat |
| 08. 3. 2 | 02 | MEPA - PA/01815/13 | Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil MEPA sabiex niċċekjaw fejn ezatt ser isir dan l-izvilupp fi Sqaq il-Bjar . | Segretarjat |
| 08. 3. 3 | 10 | TM: Triq San Pawl | Il-Kunsill qabel li l-iskola Teresa Nuzzo titlob permess mir-residenti ta' Triq San Pawl biex it-triq tingħalaq waqt il-ħin ta' dħul u l-ħruġ ta' l-iskola | Sindku |
| 08. 3. 4 | 14 | Deborah Enriquez | Il-Kunsill qabel sabiex isir kuntatt mal Perit Cachia ta' Transport Malta fuq Triq Pres A Buttiġieġ peress li r-responsabbilta ghal din il-'Claim' mhix tal-Kunsill. | Segretarjat |
| 08. 3. 5 | 15 | Dipt tal-Konsumatur | Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzzjoni tat-TCTC li meta jsir reklamm għandu jkun imniżżel ċar li hemm il-ħlas ta' €10, u ma jingĵadx jew jinkiteb li l-kors huwa b'xejn! | Camilleri |
| 08. 3. 6 | 16 | TM: Triq Sir Paul Boffa | Sindku spjega kif il-Kunsill talab li ssir spezzjoni minn TM rigward dan il-kaz izda TM sostnew li ghandna nirreferu l-kaz għand il-Mepa. | |
| 08. 3. 7 | 17 | Victor Saliba - Talba għal kumpens għad-danni | Il-Kunsill qabel li dan il-każ għandu jiġi diskuss mas-Sur Joe Borg tan- Nexos. Is-Sindku spjega li biex qabdet 'id-demarcation' box aktarx li kien hemm xi ħsara fil-linji tad-dawl. | Segretarjat |
| 08. 3. 8 | 18 | Insp Ramon Mercieca - Vetturi abbandunati | Il-Kunsill qabel li għandha isir laqgħa bejn il-Pulizija u l-Kuntrattur li ser ineħħi l-karozzi mit-triq biex isir ftehim shih fuq proċedura kollha, inkluz min ser jiehu il-pjanci tar-registrazzjoni id-Depot appena vettura titnehha mit-Triq. | Sindku / Segretarjat |
| 08. 3. 9 | 19 | Joe Hales - Qadi ta' dmirijiet tal-Kunsilliera | Is-Sindku spjega kif il-Kunsillier Joe Hales jinstab fuq protesta minhabba nuqqas ta' qbil dwar fejn ser ikun l-ufficju tal-Kunsilliera.Wara diskussjoni, Is-Sindku nforma l-Kunsilliera kollha li fis-sular ta' isfel ser ikun hemm kamra oħra għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jitkellem mal-Kunsillier Hales dwar dan. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 3. | 10 | 20 | TM: Bus Stop | Sindku informa lil Kunsill li l-Bus Stop ta' ħdejn l-HSBC fi Vjal 25 ta' Novemrbu ser jitla' il-fuq fejn propost u dak ta 'Misraħ Carlo Diacono ser jerġa isir kif kien originarjament. | Sindku |
| 08. | 3. | 11 | 21 | Patricia Camilleri - University | Sindku informa lil Kunsill li l-Ħadd fit-3 ta' Awissu ser titella' attivita Evening on Campus fejn San Girgor. Gie delegat il-Kunsillier Chircop biex jiltaqa' ma l-organizzaturi. | Chircop |

*Is-Sindku ħalla it-tmexxija tal-laqgħa f'idejn il-Viċi Sindku fis-7.00pm*

**08. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill** | Segretarjat |
| 08. | 4. | 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 07/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 08. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 07/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**08. 5.** **Updates tax-Xogħlijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 5. | 1 | 07.5.1 | Sindku: Xogħol fil-Kunsill | Sindku spejga kif ix-xogħol fil-Kunsill bħalissa għaddej b'ritmu mgħaggel ħafna u li wasal biex jitwaħħal 'l-iskirting'. Spejga ukoll kif l-ewwel kamra ser isir Internet Cafe u li ser jitwaħħlu mal-ħajt il-panelli nformattivi li kienu ġew imtella' fil-wirja li organizzaw Wirt iż-Żejtun. | Sindku / Segretrjat |

**08. 6.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| #### | 6. | 1 | | Mozzjoni mill-Kunsillier Chircop | Dwar il-mozzjoni tal-Kunsillier Chircop sabiex nhar id-19 ta' Marzu jibda jitfakkar Jum il-Kunsill u fis-6 ta' Lulju jiġi ċelebrat Jum iż-Żejtun, il-Kunsill qabel nem.com ma din il-proposta. Fenech issuġerit li għal din is-sena għall-attivita tas-6 ta' Lujlu tinħareġ Press Release, il-Kunsill qabel. | Segretarjat |

*Il-Viċi Sindku għaddiet it-tmexxija tal-laqgħa f'idejn is-Sindku fit-8.00pm*

**08. 7.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 7. 1 | | Sindku: Pubblikazzjoni | Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-pubblikazzjoni tar-rapport ' Lokalita Sostenibbli f'Ekonomija Mibdula tlesta u nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju isir preżentazzjoni ta ' l-istess rapport lill l-Onor Herrera. | Sindku |
| 08. 7. 2 | | Sindku: Ħaddiema manwali tal-Kunsill | Is-Sindku spjega kif waqt laqgħa mal-Onor Joe Mizzi intqal li ħaddiema tal-Gvern mhux ser jiġu allokati iktar lil-Kunsilli. Il-Viċi Sindku rrimarkat li l-ħaddiema manwali li għanda fil-preżent għandhom joħorġu iktar fuq xogħol barra. Is-Sindku irrimarka li normalment il-ħaddiema manwali tal-Kunsill ikunu fuq xogħol barra. | Sindku |
| 08. 7. 3 | | Sindku: Attivitajiet | Is-Sindku informa lil Kunsill li fit-2 ta' Settembru ser isir l-attivita ta' Miss Malta f'Misraħ Girgor Boniċi bejn 8.45pm u 11.15pm. Fil-5 ta' Awwissu Profs Carl Borg u Maria Brown ser jagħmlu il-launching tal proġett Cirkolu Kulturali Freiran fl-Universita. Kulħadd huwa mistieden. | Sindku |
| 08. 7. 4 | | Viċi Sindku: Laqgħa mal-MEUSAC | Il-Viċi Sindku nfurmat lil Kunsill li l-laqgħa li mal-MEUSAC saret fejn ġejna nfurmati li qed jistennew li jinħargu il-proposti l-ġodda għal proġetti 2013-2017. Hemm il-ħsieb ukoll li wieħed minn dawn il-proġetti tal-EU jkun it-tibdil tal-bozoz tat-toroq kollha għal-LED. | Vici-Sindku |
| 08. 7. 5 | | Viċi Sindku: Zejtun Home | Il-Viċi Sindku talbet li fil-ġenb tad-Dar tal-Anzjani - Sqaq id-Daħla ta' San Tumas jingħata tarmac. Is-Sindku propona li dan isir bil-konkos. | Sindku |
| 08. 7. 6 | | Viċi Sindku - Assembly Point fid-Dar tal-Anzjani | Il-Viċi Sindku talbet sabiex *'l-assembly point'* kif toħroġ mid-Dar ta' l-Anzjani f'każ ta' emerġenza jsir permezz ta' aċċess fil-ground. Is-Sindku qal li dan huwa impossibli peress li d-diżlivell huwa għoli wisq. Huwa propona li jużaw il-Ġnien. | |
| 08. 7. 7 | | Fenech: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li bejn is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Lulju ser isir il-'Live-In' ġewwa Villa Psaigon. Fenech infurmat lill-Kunsill ukoll li nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju ser isir żjara fil-fabbrika tal-Coca Cola. | Fenech |
| 08. 7. 8 | | Fenech: Attivita Pixxina | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li l-attivita li saret fis-27 ta' Ġunju għal Pixxina kienet tajba ħafna fejn kienu grupp ta' madwar 50 ruħ. | |
| 08. 7. 9 | | Fenech: Funtana tal-Ġnien | Il-Kunsilliera Fenech talbet lil Kunsill sabiex isir tindif tal-funtana li hemm fi Gnien San Girgor . | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 7. 10 | Abela: Bankina fi Triq San Girgor | Abela talbet sabiex issir bankina fi Triq San Girgor,fil-parti ta' fuq ħdejn Dar Tagħlim Nisrani. | Sindku |
| 08. 7. 11 | Abela: Skips fi Triq il-Marrubja | Abela ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Marrubja ħdejn l-iskips qed ikun hemm ħafna skart. Il-Kunsill qabel nem.com li issir konsultazzjoni mal-Kunsillier Joe Hales jekk dawn jistawx jitneħħew ukoll. | Hales |
| 08. 7. 12 | Chircop: Attivitajiet | Chircop informa lil Kunsill li nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju ser isir ħarġa għall-istudenti taħt l-iskema 'l-Ewropa fuq ir-Roti'. Chirchop informa l-Kunsill ukoll li fl-aħħar ta' Lulju ser isir tagħlim u prattika fl-iskavar tal-banijiet ruman f'Għajn Tuffieħa u fl-10 ta' Lulju ser isir l-ewwel laqgħa tal-Grupp Letterarju. Waqt l-attivita GħenbaFest / Folkfest ser jitqasmu ċertifikati ta l-inbid lil dawk li ser jippartecipaw. Chirchop informa l-Kunsill ikoll li nġibu sponsors mingħand l-Imdina Glass u Delicata u li dħul minn din l-attivita ser imur għal Fondazzjoni Nazzareth. Matul is-sajf ser isir CD jew DVD dwar l-istorja u l-kultura taż-Żejtun b' kordinazzjoni mal-grupp taz-zgħazagħ. | Chirchop |
| 08. 7. 13 | Chircop: Fondazzjoni Nazzareth | Chircop talab lil Kunsill sabiex għall-attivita' li ser issir minn Fondazzjoni Nazzareth b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jintbagħtu l-inviti lil membri parlamentari ta' tielet distrett , lil Onor Franco Mercieca u lil Onor Jose' Herrera. Hawnhekk il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li bħalissa qed isiru r-rehersals taż żfin ġewwa Ġnien San Girgor. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Kunsilliera Agius intalbet sabiex issellef il-kostumi għal din l-attivita'. | Sindku / Segretarjat |
| 08. 7. 14 | Chircop: Triq Felice Abela | Chircop informa lil Kunsill li r-residenti ta' Triq Felice Abela rringrazzjaw lil Kunsill għax il-ħofor li kien hemm f'din it-triq tranġaw. | |
| 08. 7. 15 | Chircop: Knis fit-toroq | Chircop informa lil Kunsill li rċieva ilmenti dwar il-knis fit-toroq. Ġie propost u sekondata minn Caruana li isir lista ta' toroq ta' kif qed jiġu miknusa. | Hales |
| 08. 7. 16 | Chircop: Triq John Borg | Chircop informa lil Kunsill li rċieva rapport li fi Triq John Borg fil-parti t'isfel hemm problemi għax joqgħod l-ilma tax-xita. Caruana propona li jsiru 'gutters' fi Triq John Borg u Triq Ħal Ġwann. Is-Sindku irrimarka li kull gutter irid ikollu fejn jiżbroffa. Fakkar li mhux permess li ilma tat-triq jintefa' fid-drenaġġ. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 7. 17 | Caruana: Triq Luqa Briffa | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Luqa Briffa / Triq Xejba hemm problema b'karozzi li jipparkjaw b'mod li residenti ma jkunx jistgħaw joħorġu mill-bieb tar-residenzi tagħhom. Peress li f'din triq diġa hemm double yellow lines, Il-Kunsill qabel li f'kazi simili ir-residenti għandhom jinfurmaw lill-Pulizija tad-distrett. Caruana talab sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb ir-*refreshing* taż-żebgħa. | Sindku |
| 08. 7. 18 | Caruana: Triq il-Qadi | Il-Kunsillier Caruana nforma lil Kunsill li qed ikun hemm parking ta' diversi coaches ta' Ċanċu li qed ikunu ta' inkonvenjent kbir għar residenti. Caruana propona sabiex isiru l-linji sofor. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu snin jitlob li Ċanċu jinstablu post barra ż-Żejtun. | Sindku |
| 08. 7. 19 | Caruana: Triq San Girgor | Il-Kunsillier Caruana ssuġġerixa sabiex isir *management* tat traffiku aħjar fi Triq San Girgor fil-parti ta' fuq ta' qabel l-istitut, u propona biex isiru double yellow lines f'din il-parti tat-Triq peress li hija two way. | Sindku |
| 08. 7. 20 | Caruana: Bollard f'Misrah il-Bjar | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill sabiex il-barriers li hemm f'Misraħ il-Bjar jitneħħew ghax huma ta' nkonvenjent kbir ghal parti l-kbira tar-residenti'. Hawnhekk il-Kunsillier Chircop irrimarka li anke Triq San Klement il-biċċa id-dejqa hemm bżonn li tispiċċa minn two way. | Sindku |
| 08. 7. 21 | Caruana: Ġebel San Martin | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill sabiex l-area ta' Ġebel San Martin tingħata iktar attezzjoni minħabba numru ta' toroq li għadhom mhux asfaltati. Hawnhekk il-Kunsill talab lill-Caruana sabiex jispeċifika l-ismijiet ta' dawn it- it-toroq. Caruana staqsa wkoll lis-segretarjat x'kienet ir-raguni li kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera Abela ma kienux mistiednin ghal laqgħa ma' l-Onor. Mizzi. Is-segretarju wieġeb li l-komunikat ghal din il-laqgha ma' sarx mis-Segretarjat. | |
| 08. 7. 22 | Caruana: Skips ta' Ganza Discount Store | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill fuq l-iskips ta' 'Ta Ganza Discount Store' għaliex dawn ta' sikwit qed ikunu imċaqalqin minn posthom u qed isir abbuż minnhom. Il-Kunsill biex niġbdu l-attenzjoni tal-propjetarji. Caruana propona ukoll li quddiem ta' Ganza Discount Store isiru il-parking spaces. | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 7. 23 | Caruana: Munchies | Il-Kunsillier Caruana ġie avviċinat mill-propjetarju tal-ħanut 'Munchies' f'Misraħ ir-Repubblika sabiex jagħmel għatba li tkun tinqala bil-lejl għaliex it-tarġa tiegħu biex tidħol għal ġol-ħanut hija għolja ħafna. Il-Kunsill qabel li din isir bil-kundizzjoni li tkun tinqala u ma tkunx ta' inkonvenjent għal *'pedestrians'*. | |
| 08. 7. 24 | Caruana: Bandiera ta' Malta | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex il-Kunsill ikollu bandiera ta' Malta biex tintuża fil-festi pubbliċi u nazzjonali. Is-Sindku talab sabiex jikkordina mas-Segretarjat dwar dan. | Segretarjat |
| 08. 7. 25 | Caruana: Bozoz LED | Il-Kunsillieri Caruana talab lil Kunsill biex it-12 il-bozza li hemm mal-gallarija tal-bini tal-Kunsill jinbidlu fi globi LED. Il-Kunsill qabel nem.com li dan ix-xoghol ghandu jsir. | |
| 08. 7. 25 | Sindku: Bins taċ-cimiterju | Is-Sindku inkariga lil Kunsillier Caruana jiċċekja u isaqsi fejn marru l-bins taċ-cimiterju. Caruana informa lil Kunsill li minn tlieta aktarx wieħed inħaraq. | Caruana |
| 08. 7. 26 | Camilleri: Laqgħa TCTC | Camilleri informa lil Kunsill li l-laqgħa tat TCTC li saret it-Tlieta 25 ta' Ġunju kienet suċċess. Din saret fil-miftuħ peress li attendew numru kbir ta' nies. | |
| 08. 7. 27 | Camilleri: Tindif tal-Librerija | Camilleri talab lil Kunsill sabiex jieħu ħsieb li l-ġimgħa dieħla titnaddaf il-librerija għaliex ser jibdew il-korsijiet tas-sajf. | Segretarjat |
| 08. 7. 28 | Camilleri: Triq ir-Ramla | Camilleri talab lil Kunsill sabiex 'il-*give way*' li hemm fi Triq ir-Ramla ħdejn il-*butcher shop* terġa tinżebagħ. Talab ukoll sabiex ftit il-fuq mill-*bus stop* fl-istess triq issir *zebra crossing* għaliex qed tkun diffiċli ħafna għal minn juża dan l-istage biex jaqsam it-triq. | Sindku |
| 08. 7. 29 | Camilleri: Laqgħa mal-Iskola Primarja A | Camilleri informa lil Kunsill li saret laqgħa mas-Surmast ta' l-iskola Primarja A s-Sur Craus fejn intqal li meta saret laqgħa ma' ta' FTS dawn ipproponew sabiex jinbidlu t-twieqi ta' l-iskola minn injam għal aluminium. Kemm is-Surmast ta' l-Iskola kif ukoll il-Kunsill ma qabilx ma dan u inkariga lis-Segretarjat sabiex jikteb ittra rigward dan. | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08. 7. 30 | Camilleri: St Thomas Moore College | Camilleri informa lil Kunsill li hemm il-possibilita li l-iskola Primarja li bħalissa tagħmel parti mill-Kulleġġ St Thomas Moore issir tagħmel parti millI-Kulleġġ ta' Santa Margerita. Fenech proponiet u l-Viċi Sindku sekondat li għandha isir laqgħa mal-ġenituri biex naraw dawn x'jaħsbu. Il-Kunsill qabel nem.com li din għandha tibqa mal-Kuleġġ St Thomas Moore. Is-Sindku inkariga lis-Segretarjat sabiex tinkiteb ittra lid-Dipt ta' l-Edukazzjoni u lil Ministru biex jibqa' kollox kif inhu. | Segretarjat |
| 08. 7. 31 | Camilleri: Talbiet mill-iSkola Primarja A | Camilleri talab lil Kunsill sabiex niktbu lill-Ministru biex jinbidel n-nofs it-tapit li fadal tal-Kinder kif ukoll sabiex tinbidel it-tinda għax mherijja. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-iskola ilha bi skrivana waħda għal dawn l-aħħar sentejn meta suppost intitolati għal żewġ skrivani. Il-Kunsill qabel nem.com li għandha tinkiteb ittra lid-Dipt ta' l-Edukazzjoni | Segretarjat |
| 08. 7. 32 | Restawr ta-Pittura fl-Ufficini tal-Kunsill | Is-Sindku prezenta fuq il-Mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għar-restawr tal-Pitturi fuq il-ħajt ta' l-ufficini tal-Kunsill. Is-Segretraju ġibed l-attenzjoni li minħabba l-ammont ta' l-ispiza trid tinqasam f'fażijiet. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis 29 t' Awwissu fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm



Joe Attard
Sindku



Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv